Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 190/1985/1

Yolanda armla ta' Salvatore Frascogna
vs
Joseph Attard f'ismu proprju u ghad-ditta A Gatt & Co, u b'nota tad-9 ta' Jannar 1991 Violet Attard assumiet l-atti minflok zewgha Joseph Attard kemm f'isimha proprju bhala uzufruttwarja tal-istess zewgha u kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, kif ukoll ghad-ditta A.Gatt & Co. bhala proprjetarja tal-istess socjeta` imhollija bhala legat lilha mill-istess zewgha b'testment tat-23 ta' Dicembru 1981, u Dr. George Abela u l-Prokuratur Legali George Scicluna bhala kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Salvatore Frascogna nominati b'digriet tal-24 ta' Dicembru 1982 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Attard pro et noe vs Salvatore Frascogna deciza fis-7 ta' Gunju 1983 minn din il-Qorti tal-Kummerc diversament presjeduta

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attrici li biha ppremettiet:

Peress li quddiem dina l-Qorti kien hemm proceduri pendenti ghal bejgh fis-subasta tas-segwenti beni immobiljari u cioe`:

(1) Flat li kien qieghed fl-ewwel pjan u kellu inkorporati mieghu u jiffurmaw parti minnha zewg kmamar li kienu qeghdin fil-pjan terran u kien accessibbli biss mill-istess flat permezz ta’ tarag minn gewwa [intern] liema flat kien sovrapost ghal garage aktar ‘l isfel imsemmi u kien jinsab sottopost ghal flat tal-ewwel pjan, kellu bieb ghalih wahdu bla numru fuq North Street, Mellieha u kien igib l-isem ta’ “Salio House”, kien igawdi s-servitujiet ta’ sovraposizzjoni fuq il-garage sottopost u msemmi aktar ‘l isfel u kien soggett ghas-servitujiet ta’ sottoposizzjoni favur il-flat tat-tieni pjan imsemmi, bid-drenagg u drains komuni, bejn l-imsemmija tliet fondi u kien jikkonfina mil-Lvant mat-triq North Street, tramuntana ma’ Sanctuary Street u punent ma’ beni ta’ Antonio Fenech, frank u liberu minn cnus u prezzijiet, bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha u ghandha in komun mal-flat sovrapost tat-tieni pjan gja msemmi l-bejt tal-istess flat, liema bejt kien accessibbli minn dan il-flat tal-ewwel pjan permezz ta’ garigor minn gewwa l-istess flat u

(2) in-nofs (1/2) indiviz tal-garage fuq imsemmi fil-pjan terran bla numru jgib l-isem ta’ “Salfed” bil-bieb fuq Sanctuary Street, Mellieha, frank u liberu minghand l-eredita` gjacenti tal-imsemmi Salvatore Frascogna ghad-domanda tal-konvenut Joseph Attard proprio et nomine halli mill-bejgh ta’ dawn l-immobili kienet tigi mhallsa s-somma ta’ tnax-il elf mitejn wiehed u sittin lira, tnejn u disghin centezimu (Lm12,261.92) l-interessi ulterjuri tat-8% mit-30 ta’ Lulju 1983 rapprezentanti dan l-ammont in kwantu ghas-somma ta’ tmint elef mitejn tmienja u sittin lira u hames centezmi (Lm8268.05) sorte, in kwantu ghas-somma ta’ tliet elef wiehed u disghin lira u erbghin centezmu (Lm3091.40) interessi u l-bilanc ta’ disa mija u zewg liri u sebgha u erbghin centezmu (Lm902.47) spejjes gudizzjarji kanonizzati b’sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Gunju 1983; illi din il-Qorti b’digriet minnha

mghoti kienet iffissat il-jum tal-31 ta' Jannar 1985 mid-9 a.m. sa nofsinhar ghall-bejgh bis-subasta tal-imsemmija immobili; illi l-konvenut Joseph Attard proprio et nomine b' rikors minnu prezentat fil-21 ta' Dicembru 1984 kien talab li jigi awtorizzat joffri fl-imsemmi bejgh fis-subasta "Animo Compensandi" ghat-tenur tal-Artiklu 334 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

illi din il-Qorti b'digriet minnha mghoti fid- 9 ta' Jannar 1985 kienet laqghet it-talba tal-istess konvenut u ordnat in- notifika ta' dan ir-rikors u d-digriet lill-kontroparti u lill-kredituri ohra jekk kien hemm li lilhom kien jibqa' riservat kull dritt skond il-ligi; illi l-attrici bhala parti interessata ghalkemm ma kenitx giet notifikata b'dan id-digriet kienet saret taf bid-data ffissata ghal bejgh bis-subasta fuq imsemmija  u fit 30 ta' Jannar 1985 kienetipprezentat rikors quddiem din il-Qorti biex titlob is-sospensjoni tal-istess subasta liema rikors kien gie michud; u peress li l-fondi fuq imsemmija kienu jiffurmaw parti mill-assi socjali konjugali tal-attrici u l-mejjet Salvatore Frascogna u billi sal-lum kienet ghadha ma saritx il-likwidazjoni u d-divizjoni ta' dan l-assi socjali konjugali u ghalhekk dawn l-immobili kienu komuni bejn l-attrici u l-eredita` gjacenti tal-imsemmi Salvatore Frascogna, debitur tal-konvenut Joseph Attard proprio et momine; illi hija massima legali li l-esekuzjoni ma kenitx tista' taqa' fuq beni komuni bejn id-debitur u hadd iehor qabel ma tkun saret id-divizjoni; u peress li kien incert qabel l-imsemmija divizjoni lil min il-fondi kienu jistghu bid-divizjoni jippervjenu; il-ligi u peress li l-attrici kellha interess li s-subasta ma titkompliex qabel ma jkun accertat mill-konvenut Joseph Attard proprio et nomine bhala meditur ezekutanti, jekk l-eredita` gjacenti ta' Salvatore Frascogna kenitx tippossjedi jew le l-kwoti immobiljari fuq indikati u dana f'gudizzju separat ta' divizjoni fil-konfront tal-konsorti u interessati kollha;

L-attrici talbet lill-Qorti:
(1) tordna s-sospensjoni tal-atti tas-subasta fl-ismijiet "Joseph Attard pro et  noe  vs Salvatore Frascogna" sakemm il-konvenut Joseph Attard proprio et nomine fil-kwalita` tieghu ta' kreditur ezekutant ma jistabiliex

f''gudizju appozitu ta' divizjoni li l-eredita` giacenti ta' Salvatore Frascogna tipposjedi l-istabili fuq indikat.

B'riserva ta' drittijiet ohra u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati Dr. George Abela u l-Prokuratur Legali George Scicluna li eccepew:

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti li kienu taw lok ghal din ic-citazzjoni u ghalhekk kienu rriservaw id-dritt li jressqu l-provi taghhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard li biha eccepixxa:

Illi preliminarment mic-citazzjoni ma kienx jirrizulta l-konvenuti Avukat George Abela u Prokuratur Legali George Scicluna f'liema vesti kienu jinsabu mharka f'din il-kawza;

Illi fil-mertu kien ta' ostakolu ghad-domanda attrici l-artikolu 327 tal-Kodici Civili Procedura (Kap 15) li jghid li subasta ma kenitx tista' tigi mwaqqfa minghajr il-kunsens tal-kreditur jekk it-talba ghas-sospensjoni ma ssirx ghal anqas erbat ijiem qabel id-data ffissata kemm-il darba min jghamel it-talba ma jahlifx f'idejn ir-Registratur illi r-raguni tat-twaqqif kienet inqalet f'dak iz-zmien inkella li hu ma kienx jaf b'dik ir-raguni qabel dak iz-zmien u ghalhekk sewwa kienet ghamlet dina l-Qorti li bid-digriet taghha tal-1 ta' Frar 1985 kienet cahdet ir-rikors tal-attrici ghas-sospensjoni tas-subasta msemmija fic-citazzjoni prezentat

fil-31 ta’ Jannar 1985 il-gurnata li fiha kellha issir is-subbasta li fil-fatt kienet saret u l-fondi in subasta kienu gew liberati favur il-konvenut ‘animo compensandi’;

Illi indipendentement u minghajr pregudizzju tal-eccezzjoni fuq imsemmija d-domanda attrici kienet ukoll infondata peress illi l-kreditu tal-konvenut kontra l-mejjet Salvatore Frascogna kien debitu tal-komunjoni gja ezistenti bejnu u l-attrici u l-fondi mbieghu in subasta kif kienet tammetti l-istess attrici kienu wkoll fondi tal-komunjoni u ghalhekk kienu jridu jaghmlu tajjeb ghad-debiti tal-komunjoni u l-armla ma kenitx tista’ tippretendi li tippartecipa fl-akkwisti qabel ma jigu mhallsa u dedotti d-debiti tal-komunjoni tal-akkwisti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro talba prezentata minn Joseph Attard li fiha ssemma:

Peress illi wara li din il-Qorti kienet cahdet ir-rikors tal-attrici tal-31 ta’ Jannar 1985 ghas-sospensjoni tas-subasta fuq imsemmija bid-digriet taghha tal-1 ta’ Frar 1985 u wara li kienet saret is-subbasta fil-gurnata ffissata tal-31 ta’ Jannar 1985 u l-fondi msemmija fic-citazzjoni kienu gew liberati favur l-eccipient propio et nomine ‘animo compensandi’ l-attrici fl-14 ta’ Frar 1985 kienet ippresentat rikors iehor fejn wara li kienet ppremettiet li dak inhar stess kienet ipprezentat citazzjoni ghar-revoka tal-atti kollha li bihom kienet giet ordnata l-biegh in subbasta tal-fondi indikati fic-citazzjoni kienet talbet li dina l-Qorti joqghgobba tordna s-sospensjoni tas-subasta sakemm tigi definita l-kawza tar-revoka;

U peress illi l-attrici f’dan it-tieni rikors ma kienet ghamlet ebda riferenza ghar-rikors taghha precedenti tal-31 ta’ Jannar 1985 u ghad-digriet ta’ dina l-Qorti li bih kienet cahdet dan ir-rikors u fil-fatt flok ma kienet ghamlet kawza ghar-revoka tal-atti tas-subbasta, kif kienet qalet li sa taghmel, l-unika azzjoni li fil-fatt kienet setghet taghmel f’dan l-istadju, kienet ippresentat ic-citazzjoni odjerna ghas-sospensjoni tas-subbasta;

U peress illi dina l-Qorti b'digriet tal-15 ta' Frar 1985 kienet laqghet it-talba tal-attrici maghmula bir-rikors tal-14 ta' Frar 1985 u kienet issospendiet is-subbasta haga li ma kenitx setghet taghmel mhux biss imhabba d-divjet tal-artikolu 327 tal-Kodici tal-Procedura Civili imma wkoll ghaliex is-subasta kienet diga saret u l-fondi kienu liberati favur il-konvenut;

U peress illi s-subbasta tal-fondi msemmija fic-citazzjoni li kienet saret fil-31 ta' Jannar 1985 kienet saret sewwa u kienet valida u legali u ghalhekk il-fondi kienu gew validament liberati favur il-konvenut;

Il-konvenut Joseph Attard proprio et nomine talab lill-Qorti:

(1) tiddeciedi li l-biegh in subbasta tal-fondi indikati fic-citazzjoni li sar fil-31 ta' Jannar 1985 huwa validu u skond il-ligi (2) tiddikjara li fl-imsemmja subbasta l-fondi indikati fic-citazzjoni gew validament liberati favur il-konvenut propio et nomine 'animo compensandi' (3) u konsegwentement tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Frar 1985 li bih giet sospiza s-subasta fl-ismijiet indikati biex il-konvenut ikun jista' jigi immess fil-pussess tal-fondi lilu liberati b'dik is-subbasta wara li jghamel ic-cedola ta' kompensazzjoni.

Bl-ispejjez tat-talba attrici u tal-kontro talba kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut Joseph Attard proprio et nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tas-17 ta' Gunju, 1985 li bih gie nominat Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala Perit Legali.

Rat in-nota tad-9 ta’ Jannar 1991 li biha Violet Attard assumiet l-atti minflok zewgha Joseph Attard kemm f’isimha proprju bhala uzufruttwarja tal-istess zewgha u kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejniethom, kif ukoll ghad-ditta A.Gatt & Co. bhala proprjetarja tal-istess socjeta` imhollija bhala legat lilha mill-istess zewgha b’testment tat-23 ta’ Dicembru 1981.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Joseph Micallef Stafrace, li fih ikkonkluda illi:

**“III KONKLUZZJONIJIET**

22. L-ewwelnett wiehed irid jara x’inhi n-natura tat-talbiet attrici u x’inhi dik tal-kontro-talba. L-attrici qed titlob li l-Qorti tissospendi s-subasta u dana sakemm Joseph Attard pro et noe, bhala kreditur esekutant ma jitlobx, f’gudizzju *ad hoc* l-qasma tal-eredita` gjacenti tad-debitur Salvatore Frascogna biex jigi stabbilit li ddecuius kien jipposjedi z-zewg fondi msemmija.

23. Kif iwiegeb il-konvenut Attard ghal dan? Ghandu zewg linji difensjonali, wahda ta’ natura procedurali u l-ohra fis-sustanza. Dik procedura tirrigwarda l-allegata inosservanza, da parti talattrici, tal-art *327* (issa 326) tal-Kap 15 (issa tal-Kap 12). L-ohra hi li l-kreditu ta’ Attard versu Salvatore Frascogna kellhom jaghmlu tajjeb ghalih il-beni tal-komunjoni.

24. Jidher li s-sospensjoni ntalbet darbtejn: darba bir-rikors tal-31 ta’ Jannar 1985 (a fol 12) u darb’ohra bir-rikors tal-14 ta’ Frar (a fol 9). It-talba tal-ewwel rikors giet michuda fuq il-motiv li r-rikorrenti (attrici odjerna) ma kienetx ottemperat ruhha mal-art 327 sopracitat. It-tieni rikors sar meta s-subasta kienet saret izda r-rikorrenti qalet li Attard ma setax jitlob il-vendita in subasta ta’ propjeta` li ma kienetx tad-debitur. Ir-rikorrenti ziedet semmiet ic-citazzjoni odjerna prezentata fil-15 ta’ Frar 1985 — mela gimghatejn wara l-ewwel rikors (li l-Qorti

cahdet) u gimghatejn qabel it-tieni rikors (li l-Qorti akkoljiet).

25. Jigi osservat li l-attrici mhix tattakka l-kreditu ta' Attard kononizzat mill-Qorti u assolutament mhux il-lok li wiehed jidhol fil-konsistenza ta' dal-kreditu ghax hu *res judicata* u l-haga hi wkoll **extra petita.**

26. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu l-konvenut Attard jispjega b'mod car il-perkors sa ma l-fondi nbieghu u Attard ghamel l-offerta tieghu *animo cornpensandi* ai termini tal-art. 334 (issa 333) tal-Kap 12. Jidher ukoll illi waqt li c-cahda tal-ewwel rikors ta' sospensjoni kienet skond il-ligi, mhux l-istess jista' jinghad dwar l-ilqugh tat-talba kontenuta fit-tieni rikors.

27. Nigu issa ghas-sustanza tal-oggezzjoni tat-attrici. Matul hajtu u matul iz-zwieg il-komunjoni kienet taghmel tajjeb ghad-debitu tar-ragel. L-ewwel iridu jithallsu d-debitu tal-komunjoni u li jifdal (jekk jifdal) jinqasam bejn il-konjugi li jissopravvivi u l-eredita` tal-konjugi defunt. Mhux kontrastat li l-beni ndikati huma tal-komunjoni u l-istess attrici xehdet li l-komunjoni ma kellha ebda gid jew assi ohra.

28. In vista ta' dak suespost u ta' dak sottomess mill-konvenut Joseph Attard pro et noe, u d-dokumenti esibiti, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda wara li jigu akkolti l-eccezzjoni ta' Joseph Attard proprio et nomine u mbaghad jigu akkolti t-talbiet fil-kontro-talba u dana wkoll fil-kontumacja tal-attrici."

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici [fol 162 et] u ta' Violet Attard [fol 166 et].

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Jekk wiehed kellu jsemmi l-fatti fil-qasir ghandu jinghad li l-istabili oggett tal-bejgh bl-irkant jikkonsistu fi flat li qieghed l-ewwel pjan bl-isem ta' Salio House, North Street, Mellieha, u nofs indiviz ta' garage sottopost ghall-flat imsemmi bl-isem ta' Salfed f'Sanctuary Street, Mellieha. Dawn il-propjetajiet inqabdu mill-eredita`

gjacenti tad-defunt Salvatore Frascogna mill-konvenut Joseph Attard proprio et nomine u dan sabiex mir-rikavat mill-bejgh bis-subbasta taghhom tigi mhallsa s-somma ta' LM12261.92 li kienu gew kanonizzati b'sentenza tal-Kummerc tas-7 ta' Gunju, 1983. In segwitu l-bejgh bl-irkant kien gie ffissat ghall-31 ta' Jannar, 1985 u l-attrici permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' Jannar 1985 talbet lill-Qorti tordna s-sospensjoni tas-subasta. Dan ir-rikors kien gie michud. Fl-14 ta' Frar, 1985 l-attrici pprezentat il-kawza odjerna u kontestwalment rikors [li gie milqugh] li fih talbet is-sospensjoni tas-subasta sakemm tigi deciza minnha l-kawza odjerna minnha promossa.

Illi l-konvenut eccepixxa l-Artikolu 327 (illum 326) tal-Kodici ta' Procedura Civili, u l-Qorti kienet cahdet it-talba ghas-sospensjoni ghall-bejgh in subasta. Dik it-talba kienet saret meta kellha ssir is-subbasta, u bhala fatt is-subasta saret u l-fondi in subasta gew liberati favur Joseph Attard proprio et nomine "***animo compensandi***". Fit-tieni lok, eccepixxa li d-debitu tal-mejjet Salvatore Frascogna hu debitu tal-komunjoni. In kontro-talba, Joseph Attard proprio et nomine, talab li l-bejgh in subbasta li sar fil-31 ta' Jannar 1985 huwa validu u skond il-ligi, u li l-fondi gew validament liberati "***animo compensandi***", u konsegewntement li jigi revokat ***contrario imperio*** d-digriet tal-15 ta' Frar 1985.

Illi rrizulta mid-dokumenti esebiti li Salvatore Frascogna, matul hajtu u matul iz-zwieg tieghu , kellu d-dejn mal-konvenut. (a fol 25-30). Illi dan id-dejn sar qabel gew introdotti l-emendi ta' L-Att XXI tal-1993. Il-ligi li giet introdotta fl-1 ta' Dicembru 1993, minghajr effett retroattiv, radikament biddlet is-sistema ta' l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li bis-sahha ta' dik il-ligi giet fdata lill-koppja mizzewga flimkien. Qabel din il-ligi, ir-ragel kien jamministra l-komunjoni ta' l-akkwisti wahdu in ommagg tal-principji ***maritus vivit ut dominus, moritur ut socius*** u li ***uxor non est socia sed speratur fare***. Il-kontroll tar-ragel fuq il-komunjoni kien assolut, tant li gieli kien jissejjah "kap u padrun" tal-komunjoni. Il-proprjeta` parafernali tar-ragel u l-proprjeta` tal-komunjoni kienu konfuzi flimkien, tant li r-ragel ghal tul il-hajja tal-

komunjoni kien jitqies bhala proprjetarju ta' l-oggetti formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti. (Ara **Debono vs Mercieca** Vol. XXXIV.II.503).

Illi huwa minnu li l-attrici ma dahlitx f'dejn li seta' jorbot il-proprjetajiet mertu ta' din il-kawza. Illi pero' hawnhekk, irid jittiehed in kunsiderazzjoni li d-dejn in kwistjoni sar qabel ma gew introdotti l-emendi dwar il-ligi tal-familja. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs George Fava** deciza fit-13 ta' Jannar 2000, inghad li:
"Il-kuntratti relattivi mal-Bank saru qabel l-emendi li saru bil-ligi bl-Att XXI ta' l-1993, u ghalhekk kienu japplikaw l-Artikoli 1318 u 1325 tal-Kap 16, fejn ir-ragel kellu l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u d-dejn tieghu kien ukoll a karigu ta' l-istess komunjoni; u llum skond l-Artikolu 1333 tal-Kap 16, bl-istess emendi fuq citati ghall-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, ghandhom jigu mharrka l-mizzewgin flimkien anke ghaliex dan huwa dejn tal-komunjoni."

Illi fil-kaz odjern irrizulta min-nota ta' sottomisjonijiet tal-konvenut, il-perkors sa mal-fondi in kwistjoni nbieghu ***animo compensandi***, kif hemm kontemplat fl-Artkolu 334 (li issa sar l-Artikolu 333 tal-Kap 12). (a fol 62). Irrizulta li l-ewwel rikors intavolat gie michud (a fol 12), u r-rikors sussegwenti fejn saret talba simili, ghas-sospensjoni tas-subbasta gie milqugh (a fol 9). Illi fl-istess nota , il-konvenut isemmi wkoll li l-mara ghandha l-obbligu li taghmel tajjeb ghad-dejn tal-komunjoni skond il-gurisprudenza nostrana u skond l-artikolu 1367 tal-Kap 16 (a fol 64).

Fil-kaz in ezami, l-attrici fix-xhieda taghha kkonfermat li l-beni li gew subastati, jigifieri l-flat 'Salio House' go North Street u nofs il-garaxx 'Salfed' go Sanctuary Street, Mellieha, kienu taghha u ta' zewgha, jigifieri tal-komunjoni, u ziedet tghid, li m'hemm xejn iktar tal-komunjoni, u li zewgha ma kellu xejn parafernali.

Illi dan ifisser li m'hemmx lok ghal sospensjoni tas-subasta ghall-immobbli in kwistjoni stante li d-dejn ta'

Salvatore Frascogna, anke wara mewtu jrid jithallas mill-akkwisti tal-komunjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard proprio et nomine, u tichad it-talba attrici.

Ukoll ghall-istess motivi tilqa' l-kontro-talba.

Spejjez kollha kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------